MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 227/2005/1

**Appell minn sentenza fl-Avviz Tribunal ghal Talbiet Zghar Nru 227/05GMA fl-ismijiet:-**

**Anthony u Emanuela konjugi Agius.**

**vs.**

**Charles u Anna konjugi Mifsud.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-12 ta' April 2010 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi li qed tigi riportatata verbatim:-

*"It-Tribunal,*

*Ra l-Avviz tal-atturi li bih qed jitolbu minghand il-konvenuti danni subiti mill-atturi minhabba xogholijiet ezegwiti mill-konvenuti fi sqaq adjacenti ghal-proprjetajiet rispettivi tal-partijiet, u dan kif jirrizulta ahjar minn certifikazzjoni tal-Perit Arkitett Charles Buhagiar.*

*Ra r-risposta tal-konvenuti li eccepew illi fl-ewwel lok, dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza rationae materiae illi jisma' t-talba attrici billi din tigi marbuta ma' jeddijiet li jirrigwardaw proprjeta' immobili.*

*Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghal premess, il-pretensjoni attrici hija preskitta a tenur tal-**artikolu 2153 tal-Kodici Civili.***

*Ukoll minghajr pregudizzju ghal premess u fil-meritu, il-konvenuti ma jahtu bla ebda mod ghal hsara lamentata mill-atturi.*

*Ra x-xhieda tal-attrici Emanuela Agius, li tispjega li hija l-proprjetarja tal-fond 43A, Triq Vassalli, Haz Zebbug. Il-konvenuti ghandhom proprjeta' adjacenti ghal taghhom u kellhom il-bieb ta' barra jaghti ghal fuq sqaq pubbliku. Tghid li l-proprjeta' taghha kienet taghti wkoll fuq dan l-isqaq u kien hemm zewg (2) twieqi, u b'hekk kienet tgawdi minn dritt ta' servitu', u dan kif gie deciz b'sentenza tal-1 ta' Novembru, 2006 (Citaz. Nru. 846/02).*

*Peress li l-konvenuti kienu bdew jaghmlu xi xogholijiet fl-isqaq hi kienet ghalhekk ghamlet Mandat ta' Inibizzjoni billi kienu tellghu l-livell tat-triq fl-isqaq.*

*Tghid li kien fix-xitwa tas-sena 2004 meta intebhet li fil-hajt, li kien jaghti ghall-isqaq, kien hemm hafna moffa u umdita' u l-gebla kienet mxarrba. Fil-kamra tal-banju kien qed jinqala' l-madum minn mal-hajt li kien jaghti ghal gol-isqaq. Kienet qabbdet Perit sabiex jaghmel rapport dwar il-hsarat, u mir-rapport li hejja l-Perit fit-30 ta' Dicembru, 2004 gie kkonstatat li l-hsarat kienu minhabba li l-konvenuti kienu ghollew il-livell tal-isqaq.*

*L-attrici ukoll pproduciet ritratti sabiex tikkonferma li l-hajt ta' l-isqaq kien mimli moffa.*

*Ra x-xhieda ta' Michael Saliba, li kien bena l-proprjeta' tal-konvenuti fuq art li kienu jipposjedu. Il-Perit li kien qed jissorvelja x-xogholijiet, kien il-Perit Paul Micallef u jikkonferma li l-Perit dejjem kien ikun prezenti kull meta kellhom bzonn.*

*Ukoll jispjega li, peress adjacenti ghal din il-proprjeta', kienet tinstab il-proprjeta' tal-atturi, kienu ghamlu l-membrane u fuq il-parti ta' wara kienu bnew hajt sabiex ma jmissx mal-proprjeta' u ghalhekk kienu ghamlu l-konkos.*

*Il-membrane kien sar peress li l-post kien izomm l-ilma u ghalhekk sabiex tigi regolata l-umdita' u sabiex il-basement ma kienx jimtela' bl-ilma.*

*Jikkonferma li peress li l-proprjeta' kienet tinstab gewwa sqaq, sabiex idahhal il-materjal u l-gebel kien uza r-rollers.*

*Jispjega li fil-proprjeta' tal-atturi kien hemm hafna umdita', u dan peress li kien hemm bir bejniethom. Fil-fatt, bil-permess tal-konvenuti kien nizzel dan il-bir sabiex ma jkomplix jaghmel umdita' lill-atturi, li diga' sa' dak iz-zmien kellu madum li qed jiccaqlaq, kif ukoll il-bitha interna kienet msaqqfa. Kien hemm ukoll il-garaxx li kellu hafna umdita' ukoll.*

*Ra x-xhieda tal-konvenut Charles Mifsud, li kkonferma li kien wettaq xi xogholijiet fl-isqaq in kwistjoni u dan skont permess li nhariglu fit-3 ta' April, 1998 (PA 5569/97). Kien inkariga lil Perit Paul Micallef u lil Michael Saliba bhala bennej.*

*Ra x-xhieda tal-Perit Charles Buhagiar, li jikkonferma li kien gie nkarigat mill-attrici sabiex jispezjona l-proprjeta' taghha, u dan sar fit-23 ta' Dicembru, 2004.*

*Ighid li kien sab hafna umdita' fil-hitan u s-sular t'isfel, tant li kienu suwed. Kien hemm ukoll xi hsarat fil-madum tal-kamra tal-banju.*

*Il-hitan kienu imissu ma' lis-sqaq, u minn spezzjoni li ghamel irrizultalu li s-surface tieghu kien imtella' 'l fuq u kien oghla mid-damping tad-dar tal-attrici. Ghalhekk kien wasal ghal konkluzjoni li l-umdita' kienet qed tigi kkagunata minn xi bridging tal-qatran.*

*Minhabba li l-attrici kienet ukoll qed tilmenta li kien hemm xi problemi tad-drenagg li kien ighaddi minn dan l-isqaq, u jekk kien xi problema fil-manhole dan seta' ukoll ikkontribwixxa ghal hsara li kien hemm fil-hitan tal-atturi.*

*Biex tissolva din il-problema kien hemm bzonn li jithaffer il-hajt li jmiss lis-sqaq u l-hajt tal-appogg. Jista' jkun li kien hemm waterproofing u dan tkisser, izda xorta kien hemm bzonn li jkun hemm waterproofing gdid.*

*Ma setax jiftakar jekk l-attrici kienitx infurmata li kien hemm bir taht il-proprjeta' taghhom, izda jekk kien hemm, dan seta' kien fattur relevanti ghal problemi li kien hemm fid-dar.*

*Ra x-xhieda tal-Perit Paul Micallef, li jghid li kien gie mqabbad mill-konvenuti sabiex jaghmel xi xogholijiet fl-isqaq in kwistjoni. Jikkonferma li kien ghamel applikazzjoni sabiex jittella' l-livell tal-isqaq, liema applikazzjoni kienet giet approvata. Kien hemm ukoll applikazzjoni ohra sabiex titwahhal grada fuq in-naha ta' barra tal-isqaq, izda peress li kien hemm kwistjoni bejn l-atturi u l-konvenuti, din qatt ma twahhlet.*

*Ikkonferma ukoll li kien sar waterproof membrane fuq in-naha tax-xellug tal-isqaq u ghamlu l-kartun sabiex meta jordmu ma jtaqqbux il-membrane. Il-membrane kien tpogga aktar 'l fuq sabiex tigi protetta l-proprjeta' ta' haddiehor. Kien pogga l-gebel u ghamel il-konkos fil-wicc.*

*Ighid li kienu ghamlu l-paviment ukoll, izda kien ghamel biss is-shell form, u mbaghad xi haddiehor kien ghamel il-*

*finishings. Ighid ukoll li ma jiftakarx li kien hemm xi inspection chamber.*

*Jispjega wkoll li l-konvenut kien tella' l-ground floor, kif ukoll l-ewwel sular, meta suppost dan kellu jtella' zewg (2) sulari.*

*B'digriet ta' dan it-Tribunal, datat 15 ta' Frar, 2006, l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti giet michuda.*

*Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.*

*Ikkunsidra*

*1. <u>Preskrizzjoni</u>*

*Illi l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni taht l-**Artikolu 2153 tal-Kodici Civili,** ghaliex ikkunsidra li x-xogholijiet fl-isqaq kienu saru ghal habta tas-sena 1999, kif jikkonferma l-istess bennej Charles Mifsud.*

*L-azzjoni giet intavolata fis-sena 2005 u ghalhekk kienu ghaddew aktar minn hames (5) snin.*

*Tqajjem ukoll l-argument li fid-dar tal-atturi diga' kien hemm problemi ta' umdita' u diga' kellhom xi madum fil-kamra tal-banju minfuh.*

*Madanakollu, huwa fatt li x-xoghlijiet f'dan l-isqaq kienu saru fis-sena 1999. Izda huwa minnu wkoll illi l-atturi ntebhu li kien hemm problemi ta' umdita' mal-hitan taghhom li kienu jmissu mal-isqaq fis-sena 2004. F'dak iz-zmien ukoll kien hemm problemi ukoll bil-madum tal-kamra tal-banju.*

*Saret referenza wkoll ghal fatt li bhala konferma tat-tezi tal-atturi kien gie ntavolat Mandat ta' Inibizzjoni, izda dan per se, ma kellux x'jaqsam mal-kwistjoni tal-umdita'.*

*It-Tribunal ihoss li l-atturi kellhom biss opportunita' li jintavolaw kawza kontra l-konvenuti, biss wara li saru konxji li kien hemm problemi ta' umdita' u li skont huma*

*kien gej mill-isqaq u dan ikkonstatawh ferm wara li kien sar ix-xoghol*

*Kien hemm fatturi ohra li setghu ddeterminaw il-konsapevolezza tal-atturi, bhal l-allegat bir li kien hemm bejniethom, kif ukoll il-medda komuni tad-drenagg li kienet ghaddejja minn taht it-triq f'dan l-isqaq, fejn kien hemm leakage. Pero' t-Tribunal huwa aktar propens li jemmen lill-atturi, u cioe' li sa' qabel dak iz-zmien ma kienx induna li seta' kien hemm problemi serji ta' umdita'.*

*Ghal dawn il-motivi, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respnta.*

*Ikkonsidra fil-Mertu:*

*Il-punt kardinali f'dan il-kaz, huwa minn xiex kienet qed tigi kkagunata l-umdita' li kien hemm fil-proprjeta'.*

*Huwa fatt mhux ikkontestat li fil-proprjeta' tal-konvenuti kien hemm xi problemi ohra ta' umdita', partikolarment fil-garaxx, kif ukoll f'xi madum u dawn kienu jezistu qabel ma sehhet il-kwistjoni, mertu tal-vertenza odjerna.*

*Irrizulta li l-konvenuti kienu ghamlu xi xoghol f'dan l-isqaq billi inkarigaw lill Michael Saliba, li jispjega l-process li kien gie intuzat ghal dan l-isqaq.*

*L-ewwel, kienu ghamlu l-membrane u fuq il-parti ta' wara kienu bnew hajt sabiex ma jmissx mal-proprjeta' u ghalhekk kienu ghamlu tal-konkos.*

*Il-membrane kien sar peress li l-post kien izomm l-ilma, u ghalhekk sabiex tigi regolata l-umdita' u sabiex il-basement ma kienx jimtela' bl-ilma.*

*Il-Perit Paul Micallef, li kien gie mqabbad mill-konvenuti sabiex jaghmel xi xoghlijiet fl-isqaq in kwistjoni, jikkonferma li kien ghamel applikazzjoni sabiex jittella' l-livell tal-isqaq, liema applikazzjoni kienet giet approvata*

*Effettivamet kien tpogga waterproof membrane fuq in-naha tax-xellug tal-isqaq u ghamlu l-kartun sabiex meta jordmu ma jtaqqbux il-membrane. Il-membrane kien tpogga aktar 'l fuq sabiex tigi protetta l-proprjeta' ta' haddiehor. Kien pogga l-gebel u ghamel il-konkos fil-wicc.*

*Fattur importanti huwa li kien ukoll tnizzel il-bir li kien hemm in komun mal-fond, proprjeta' tal-konvenutii u dan stess gie kkonfermat minn Michael Saliba u dan peress li diga' kien hemm problemi ta' umdita' fil-garaxx, partikolarment, kif ukoll madum li kien qed jiccaqlaq.*

*Minkejja li l-Perit Buhagiar ma kienx cert li qatt kienu semmewlu bir, ihoss li dan seta' kien fattur importanti li kkontribwixxa ghal problemi ta' umdita'.*

*Il-Perit Buhagiar pero' iccertifika fir-rapport tieghu tat-30 ta' Dicembru, 2004 li l-problema kienet gejja minn haga ohra:-*

***"On further investigation, it has resulted that the surface of an alley adjoining the property (i.e atturi) has been raised considerably such that it has bridged the damp proof course of this property. Furthermore, the drainage connection from this property to the main has been damaged and as a consequence there is a drainage leakage underneath this alley."***

*Ma hemmx dubbju li kien hemm ukoll problemi tad-drenagg li, skont espert fil-materja, kien qed jikkrea leakage jew skular tal-ilma u ghalhekk kien fattur kontributorju ghal problemi ta' umdita', liema inspection tad-drenagg, probabilment gie milqut waqt li kienu qed isiru x-xoghlijiet fl-isqaq u kif spjega l-Perit Buhagiar, ix-xoghol li kien sar kien ha certu ammont ta' zmien sabiex jitlesta u oltre minn hekk, ma kienx jidher li sadanittant kien sar xi*
*xoghol recenti f'dan l-isqaq.*

*Anke, dwar il-bir li t-Tribunal huwa konvint kien jezisti, dan kien jirrapprezenta jew kien ikkontribwixxa ghal problemi ta' umdita' fil-proprjeta' ta' l-atturi, izda din il-problema*

*kienet giet rizolta meta x-xhud Michael Saliba, jikkonferma, li wara li kien gab il-kunsens tal-konvenut kien nizzel dan il-bir, li kien komun aktar 'l isfel.*

*Ghalhekk, it-Tribunal ihoss li mill-provi prodotti, l-atturi rnexxielhom jikkonvincuh li hemm aktar probabilita' li l-hsara li giet ikkagunata lill-atturi, kienet konsegwenza diretta tax-xogholijiet li kienu saru fl-isqaq, fuq ordni tal-konvenuti fis-sens illi anki jekk kien hemm precedentement fatturi kontribwenti, ix-xoghlijiet esewiti mill-konvenuti kienu l-fattur determinanti.*

*Dwar il-quantum it-Tribunal ihoss li dawn gew pruvati sufficjentement.*

*Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, jiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghal hsarat reklamati u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' elf u erba' mitt lira Maltin (Lm1,400), u cioe' ekwivalenti ghal tlett elef, mitejn u wiehed u sittin ewro u tnax-il centezmi (€3,261.12) , ammont pretiz mill-atturi u li jirrizulta mill-istess Avvizipprezentat minnhom. Bl-ispejjes u l-imghax.*

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuti Charles u Anna konjugi Mifsud datat 26 ta' April 2010 a fol 112 tal-process.

Rat ir-risposta ta' Anthony u Emanuela konjugi Agius a fol 119 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-2 ta' Dicembru 2010 fejn id-difensuri trattaw il-kaz, u l-appell gie dfferit ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2011.

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li l-appellanti konvenuti fil-kawza qed isostnu li:- (a) is-sentenza hija nulla peress li l-ewwel eccezzjoni ta' inkompetenza tat-Tribunal *rationae materie* giet deciza b'digriet datat 15 ta' Frar 2006 u mhux b'sentenza u ghalhekk dan irendi l-istess decizjoni u dik allura sussegwenti tat-12 ta' April 2010 bhala nulla u bla effett; (b) l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** kellha tigi milqugha peress li la darba x-xogholijiet li allegatament ikkawzaw id-danni saru fl-1999 mela allura l-atturi setghu minn dak in-nhar jindunaw bil-hsara u allura la darba l-azzjoni saret fis-sena 2005 mela allura t-terminu ta' sentejn indikat fl-istess artikolu kien skada; (c) fil-mertu l-allegazzjoniet attrici ma jirrizultawx ippruvati u dan ghaliex fuq bilanc ta' probabiltajiet ma giex ippruvat li x-xoghol esegwit mill-konvenuti kien il-kawza tad-danni; (d) l-ammont ta' danni moghtija huwa esegerat u ma giex ippruvat ghar-ragunijiet hemm indikati fir-rikors tal-appell datat 26 ta' April 2009.

Illi l-appellati sostnew li (a) dwar l-eccezzjoni ta' kompetenza din hija eccezzjoni frivola u vessatorja peress li t-Tribunal ghandu kompetenza ghal taliet fi flus li jammontaw ghal mhux izjed minn €3,494 (Lm1,500), ghalkemm il-fatt li tali decizjoni dwar kompetenza inghatat b'digriet ma jirrendix il-proceduri odjerni nulli, u l-Qorti trid tkun konvinta li t-Tribunal kellu kompetenza jiddeciedi din it-talba u mhux tiddisponi mit-talba ghaliex sar xi difett allegat fil-procedura meta inghatat id-decizjoni dwar il-kompetenza. Fl-ghar ipotesi inghad li l-Qorti ghandha tirrinvija quddiem it-Tribunal biex jiddeciedi biss fuq din il-kwistjoni jew inkella l-istess tigi deciza mill-Qorti; (b) illi d-decizjoni dwar il-preskrizzjoni kienet korretta ghaliex il-kawza saret fit-terminu legali ghaliex l-atturi ma setghux jindunaw qabel bil-hsara; (c) dwar il-mertu l-provi kienu skjetti favur l-allegazzjonijiet attrici.

Illi dwar l-ewwel aggravju jinghad li mill-process relattiv jirrizulta li t-Tribunal stess presjedut mill-Gudikatur Dr. Joseph P. Bonnici fil-verbal tas-seduta datata 15 ta' Frar 2006 ivverbalizza li *"Inghata digriet"* u ghadda biex iddispona mill-istess b'decizjoni datata 15 ta' Frar 2006.

Illi din il-Qorti thoss li hemm differenza sostanzjali ghal dak li huwa digriet u sentenza kif il-gurisprudenza nostrali dejjem sostniet, inkluz dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Philip O. Gatt proprio et nomine vs Adrian Busietta proprio et nomine”** (P.A. (JRM) – 9 ta’ Mejju 2002) li din il-Qorti qed taghmel riferenza ghaliha u tabbraccja.

Illi f’dan il-kuntest ma hemmx dubju li f’dan il-kaz tali eccezzjoni kellha tigi disposta permezz ta’ sentenza u mhux ta’ digriet; din il-Qorti thoss li la darba it-Tribunal stess sejjah il-provediment tieghu bhala digriet, ma tistax hlief tikkonsidra l-istess bhala tali, u ghalhekk dan irendi l-istess decizjoni tal-15 ta’ Frar 2006 bhala nulla u bla effett, u konsegwentement din iggib in-nullita tas-sentenza appellata tat-12 ta’ April 2006 ukoll.

Illi ghalhekk  in vista ta’ din is-sitwazzjoni f’dan il-kaz dak li ghandu u qed isir huwa l-prevja konferma ta’ dak hawn deciz, din il-Qorti minhabba dak provdut specifikatament fl-**artikolu 8 tal-Kap. 380** ghandha tghaddi biex taghti d-decizjoni hija fuq il-kaz u ghalhekk it-talba kif formolata mill-appellanti ma tistax tigi milqugha.

Illi meta allura din il-Qorti tigi biex tiddeciedi l-kawza hija f’dan il-kuntest fir-rigward ta’ l-ewwel eccezzjoni thoss li l-istess Tribunal kellu kompetenza *rationae materiae* skont id-disposizzjoniojiet tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380** u ghalhekk din l-ewwel eccezzjoni ta’ inkompetenza qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni aggravju jinghad li t-terminu ta’ preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak in nhar li tkun tista’ ssir l-azzjoni u dan jiddependi mill-fattispecie tal-kaz u hawn issir referenza ghas-sentenzi **“Emilio Agius vs Joseph Spiteri”** (A.C. – 29 ta’ Frar 2008); u **“John Bugeja vs Joseph Gauci”** (P.A. (JRM) – 28 ta’ Novembru 2002). Illi fil-kawza **“Ignatius Busuttil vs Water Services Corporation”** (A.I.C. (PS) – 12 ta’ Jannar 2005) inghad li tali terminu ta’ preskrizzjoni jibqa’ jghaddi minn meta l-istess hsara timmanifesta ruhha esterjorment u dan peress li huwa biss minn dak in-nhar li wiehed ikun jista’ jagixxi bl-azzjoni ta’ danni. In vista ta’

dan din il-Qorti thoss, li fil-fattispecie tal-kaz in ezami dan seta` biss isehh mis-sena 2004 u dan proprju meta fegget l-umdita' fil-hajt, u dan kif sewwa ndikat mit-Tribunal fil-konsiderazzjonijiet tieghu u iktar precizament mid-data tat-30 ta' Dicembru 2004 meta nhareg ic-certifikat tal-Perit Charles Buhagiar. Ghalhekk la darba l-azzjoni attrici giet intavolata fl-14 ta' Jannar 2005 mela allura ma kienx ghadda t-terminu ta' preskrizzjoni skont l-**artikolu 2153 tal-Kap. 16** u ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi dwar il-mertu jirrizulta li d-danni attwalment ikkawzati minhabba l-umdita' kien dovut ghal xogholijiet li saru mill-konvenuti sabiex jittella l-livell tal-isqaq b'dan li skont ic-certifikat tal-istess Perit Charles Buhagiar, *"the surface adjoining the property (i.e atturi) has been raised considerably such that it has bridged the damp proof course of this property. Furthermore, the drainage connection from this property to the main has been damaged and as a consequence there is a drainage leakage underneath this alley."* Ma` dan jizdied jinghad li kien hemm skular tal-ilma li jidher li gie kkawzat meta l-*inspection* tad-drenagg giet milquta bl-istess xogholijiet, u ghalhekk din il-Qorti thoss li gie ppruvat sal-grad rikjest mil-ligi li l-hsara ikkawzata hija attribwibbli lix-xoghol li sar mill-konvenuti fl-istess sqaq u ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi fl-ahharnett dwar l-ammont ta' danni dan ma giex kontestat fl-ewwel istanza u fil-fatt ma inghata l-ebda eccezzjoni fir-rigward tal-istess, izda tali eccezzjoni qed titqajjem proprju issa. Apparti dan, mill-provi jirrizulta li tali ammont gie certifikat mill-istess Perit Charles Buhagiar fir-rapport tieghu datat 30 ta' Dicembru 2004 u ma jidhirx mill-atti processwali li dan gie b'xi mod kontestat, hlief issa f'dan l-istadju u ghalhekk anke f'dan il-kuntest dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi ghalhekk din il-Qorti prevja li laqghet l-ewwel aggravju tal-appellanti, izda fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-**artikolu 8 tal-Kap.380,** tikkonferma li din il-pendenza kienet kompetenza tat-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380,** u fil-waqt li

tichad it-tieni aggravju u allura tichad it-tieni eccezzjoni li l-azzjoni attrici kienet preskritta a bazi tal-**artikolu 2153 tal-Kap. 16,** u fil-waqt li tichad it-tielet aggravju bbazat fuq it-tielet eccezzjoni tal-konvenuti, u tichad ir-raba' aggravju tal-appellanti, b'dan ghalhekk li tilqa' t-talbiet tal-atturi kif proposti minnhom fl-Avviz tat-Talba taghhom datat 14 ta' Jannar 2005 u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat reklamati u tikkundanna lill-istess konvenuti appellanti jhallsu lill-atturi appellati l-ammont ta' tlett elef, mitejn u wiehed u sittin ewro u tnax il-centezmu (€3,261.12) ekwivalenti ghal Lm1,400, ammont pretiz mill-atturi u li jirrizulta mill-istess Avviz prezentat minnhom bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess Avviz lill-konvenuti fit-28 ta' Jannar 2005 sal-effettiv pagament. Bl-ispejjez kontra l-appellanti.

## <u>III. KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi billi fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel aggravju kontenut fl-appell interpost mill-appellanti Charles Mifsud et fir-rikors tal-appell taghom datat 26 ta' April 2010, b'dan allura li konsegwenti ghall-istess tiddikjara nulli u bla effett id-digriet tal-15 ta' Frar 2006 u s-sentenza fl-ismijiet premessi datata 12 ta' April 2010; konsegwentement ghal dak li jipprovdi l-artikolu 8 tal-Kap.380 qed** tiddeciedi l-kawza hija, fis-sens li fil-waqt li tiddikjara li l-azzjoni attrici hija kompetenza tat-Tribunal tat-Talbiet Zghar abbazi tal-**artikolu 3 (2) tal-Kap. 380,** u fil-waqt li tichad it-tieni aggravju tal-appellanti u t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti bbazata fuq il-preskrizzjoni skont l-**artikolu 2153 tal-Kap.16** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, u fil-waqt li tichad l-aggravji l-ohra tal-appellanti u l-eccezzjoni l-ohra tal-konvenuti, **tichad ghalhekk l-aggravji l-ohra fil-mertu sollevati fl-appell tal-appellanti konvenuti fir-rikors tal-appell taghhom tas-26 ta' April 2010, b'dan li allura tilqa' t-talbiet tal-atturi kif proposti minnhom fl-Avviz tat-Talba taghhom datata 14 ta' Jannar 2005** fil-kawza fl-ismijiet premessi **"Anthony Agius et vs Charles Mifsud et"** u tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghall-hsarat reklamati mill-atturi u tikkundanna lill-istess

konvenuti appellanti jhallsu lill-atturi appellati l-ammont ta' tlett elef, mitejn u wiehed u sittin ewro u tnax il-centezmu (€3,261.12) ekwivalenti ghal elf u erba` mitt liri Maltin (Lm1,400) ammont pretiz mill-atturi u li jirrizulta mill-istess Avviz prezentat minnhom bl-imghax mid-data tan-notifika tal-istess Avviz tat-Talba lill-konvenuti fit-28 ta' Jannar 2005 sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti appellanti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------